VERŻJONI ELETTRONIKA



**K.L.B.L 37/02/2017**

## ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
## (KAP. 363)

### *Bye-laws* tal-2017 dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-Lokalità tal-Mellieħa (Kunsill Lokali tal-Mellieħa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Mellieħa għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:

**1.** It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2017 dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-Lokalità tal-Mellieħa (Kunsill Lokali Mellieħa). Titolu.

**2.** F'dawn il-*Bye-laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"applikant" tfisser kull persuna li tapplika għall-permess skont dawn il-*bye-laws* u tinkludi individwu, kumpannija, każin jew għaqda;

"applikazzjoni" tfisser talba li ssir minn applikant lill-Kunsill skont dawn il-*Bye-laws*, fil-formola li tinsab murija fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363

"art privata" tfisser art li dwarha xi persuna jkollha titolu jew li tkun mogħtija b'*encroachment*;

"attività" tfisser kull attività li ssir fil-beraħ u li dwarha japplikaw dawn il-*Bye-laws*;

"*camper*" tfisser kull vettura bil-qawwa mekkanika tagħha maħsuba biex iġġorr persuni u li tkun mgħammra b'sodod jew armata b'mod li fiha jista' jissajjar ikel;

"*caravan*" tfisser kull vettura mingħajr il-qawwa mekkanika tagħha maħsuba biex iġġorr persuni u li tkun mgħammra b'sodod jew armata b'mod li fiha jista' jissajjar ikel;

"*gazebo*" tinkludi kull tip ta' struttura msaqqfa tad-drapp jew tal-kanvas, normlament, iżda mhux neċessarjament bil-ġnubijiet miftuħa, li tipprovdi post delli, iżda teskludi l-umbrelel;

"ġurnata" tfisser minn nofs-il lejl sa nofs il-lejl tal-għada;

VERŻJONI ELETTRONIKA



"kamp" tinkludi kull tip ta' tinda tad-drapp jew tal-kanvas, kamp jew strutura temporanja oħra, iżda teskludi l-umbrelel;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa;

"lokalità" tfisser il-lokalità tal-Mellieħa kif imfissra fl-Att;

"żona għall-kampeġġ" tfisser kull żona indikata fil-pjanta li tinsab fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn il-*Bye-laws* li fiha jistgħu jintramaw kampijiet.

Projbizzjoni ta' ċerti ativitajiet.

**3.1.1.** Mingħajr preġudizzju għal kull liġi oħra li tipprovdi għall-ħtieġa ta' xi permess ieħor minn xi awtorità oħra, ħadd ma jista' f'xi post ġewwa lokalità inkluż f'xi bajja, iqiegħed kamp jew jorganizza xi tisjir fil-mitfuħ, mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub mogħtija minn qabel mill-Kunsill skont dawn il-*Bye-laws* u bil-kundizzjonijiet stipulati fil-permess:

Iżda l-ebda awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Kunsill skont dawn il-*Bye-laws* ma tkun meħtieġa biex jitqiegħed *camper* sakemm jiġu osservati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) li ma jkun hemm ebda ingombru jew inkonvenjent ikkaġunat lill-abitanti jew għal min ikun għaddej fit-triq, bl-użu ta' ġeneratur jew kull makkinarju ieħor;

(b) li l-*camper* jiġi pparkjat fi spazju permess għall-ipparkjar kif permess mir-regolamenti tat-traffiku;

(ċ) li ma titqiegħed l-ebda ħaġa fuq il-bankina jew fit-triq, jew madwar il-*camper:*

Iżda wkoll l-ebda awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Kunsill skont dawn il-*Bye-laws* ma tkun meħtieġa biex jintrama *gazebo* qrib xatt il-baħar:

B'dana li l-ebda *gazebo* ma jista' jintrama jekk ma jitħalliex passaġġ madwaru ta' metru u nofs, u jiżżarma wara li tinżel ix-xemx sat-tlugħ tagħha fil-jum ta' wara.

**3.1.2.** Il-Kunsill jista' jawtorizza tisjir fil-beraħ fil-bajjiet indikati fit-Tieni Skeda ma' dawn il-B*ye-laws*:

Iżda ma huwiex permess li jsir tisjir fil-beraħ permezz tal-faħam jew bil-ħatab, jew l-użu ta' ġeneraturi, jew daqq ta' mużika amplifikata fil-bajjiet indikati fit-Tielet Skeda ma' dawn il-*Bye-laws:*

Iżda wkoll ma huwiex permess li jsir ebda tisjir fil-beraħ

VERŻJONI ELETTRONIKA



fil-bajjiet indikati fir-Raba' Skeda ma' dawn il-*Bye-laws*.

**3.2.** Il-Kunsill jista' jqiegħed sinjali sabiex jindika żona bħala bajja skedata jew bħala żona għall-kampeġġ għall-fini ta' dawn il-*bye-laws*. Sinjali.

**3.3.** L-ebda permess ma' jkun meħtieġ skont id-disposizzjonijiet ta' dawn il-bye-laws sabiex issir xi attività fuq art privata. Eċċezzjoni.

**4.1.** Il-Kunsill jista' fuq applikazzjoni ta' kull persuna, jagħti permess sabiex issir xi attività f'xi parti tal-lokalità b'dan li dak il-permess jista' jkun soġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Kunsill jidhilru xierqa. Permess.

**4.2.** Fl-applikazzjoni, l-applikant għandu jindika għal kemm persuni l-attività li dwarha jkun qed jitlob il-permess tkun intiża u fin-nuqqas li jagħmel dan, għandu jiġi preżunt li l-attività tkun intiża għal aktar minn ħamsin persuna. Numru ta' persuni.

**4.3.** Kull applikant għandu jkun responsabbli għat-tindif tas-sit wara l-attività. Tindif.

**4.4.** Id-drittijiet imħallsa għall-permessi maħruġa taħt dawn il-bye-laws għandhom ikunu skont kif stabbilit fis-Sitt Skeda. Drittijiet.

**5.** Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*, jew tikser xi kundizzjoni ta' permess mogħti bis-saħħa ta' dawn il-*Bye-Laws*, tista' teħel, meta tinstab ħatja, ammenda ta' mhux aktar minn sebgħin euro (€70) għal dik il-kontravvenzjoni. Pieni.


**6.** Il-*bye-laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-Lokalità tal-Mellieħa (Kunsill Lokali Mellieħa) huma b'dawn revokati. Revoka. L.S. 363.143.

VERŻJONI ELETTRONIKA




**L-EWWEL SKEDA**
**Bnadi indikati bħala żona għall-kampeġġ**
**(*Bye-law* 2)**


**L-Aħrax tal-Madonna (Żona A)**



**L-Aħrax tat-Tunnara (Żona B); u l-Aħrax tar-Ramel (Żona C)**




**Il-Qortin it-Twil (Żona D)**



VERŻJONI ELETTRONIKA



## IT-TIENI SKEDA
**Bajjiet fejn tisjir fil-beraħ jista' jiġi awtorizzat**
(*Bye-law* 3.1A)


- Il-Bajja tal-Mixquqa (mingħajr l-użu ta' faħam u ħatab);
- Il-Bajja tal-Għadira (fil-parti ċentrali mingħajr l-użu tal-faħam u ħatab);
- Il-Bajja tal-Armier;
- Il-Bajja tal-Armier iż-Żgħir;
- Ir-Ramla tat-Torri l-Abjad;
- Il-Bajja tal-Mistra;
- Ramlet il-Qortin;
- Il-Bajja ta' Wied Musa; u
- Ix-Xatt ta' Santa Marija.

---

## IT-TIELET SKEDA
Bajjiet fejn tisjir fil-beraħ ma jistax isir bl-użu tal-faħam jew ħatab u fejn l-użu ta' ġeneraturi u daqq ta' mużika amplifikata huwa pprojbit
(*Bye-law* 3.1A)



**Il-Bajja tal-Mixquqa**





---

## IR-RABA' SKEDA
## Bajjiet fejn tisjir fil-berah huwa pprojbit
## (*Bye-law* 3.1A)

**Il-Bajja tal-Għadira (Partijiet Ramlin)**




**Il-Bajja tal-Imġiebaħ**



VERŻJONI ELETTRONIKA



**IL-ĦAMES SKEDA**
ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)
**Formola ta' Applikazzjoni għall-Attivitajiet fil-Beraħ fil-Lokalità tal-Mellieħa li jaqgħu taħt il-*Bye-Laws* tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa tal-2017**

Is-Segretarju Eżekuttiv,
Kunsill Lokali tal-Mellieħa
Qiegħed nitlob permess skont il-*Bye-Laws* hawn fuq imsemmija sabiex norganizza attività kif ġej:
Data/i: _____ Ħin: _____

Tip ta' Attività: ☐ *Barbecue* ☐ *Camping*

Numru ta' persuni: ☐ 0 sa 15 ☐ 16 sa 50 ☐ 51 sa 100 ☐ aktar minn 100

☐ Organizzazzjoni Volontarja

Post (għandu jigi ndikat ukoll fuq pjanta):

Jiena nobbliga ruħi li nosserva l-kundizzjonijiet kollha li jistgħu jiġu imposti mill-Kunsill kif ukoll li nnaddaf is-sit immedjatament wara li tintemm l-attività.

(Firma)

Isem: _____ K.I. numru: _____

Indirizz: _____
_____

Tel:_____

Kunsill Lokali tal-Mellieħa
Bis-saħħa ta' *Bye-Law* 4.1 tal-*Bye-laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-Lokalità tal-Mellieħa (Kunsill Lokali tal-Mellieħa) qiegħed jingħata l-permess mitlub soġġett għal dawn il-kundizzjonijiet:

1.

2.

3.

Dritt Imħallas:
TIMBRU

Riċevuta Numru:
(Segretarju Ezekuttiv)

VERŻJONI ELETTRONIKA



## IS-SITT SKEDA
(*Bye-Law* 4.4)

Id-drittijiet li għandhom jitħalsu sabiex jinħareġ permess taħt dawn il-*bye laws* għandhom ikunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Għal kull jum li fih issir isir tisjir fil-beraħ | €5 |
| Iżda: | |
| Meta l-attività tkun intiża għall aktar minn ħmistax-il persuna. | €10 |
| Meta l-attività tkun intiża għal aktar minn ħamsin persuna | €15 |
| Meta l-attività tkun intiża għal aktar minn mitt persuna | €50 |
| Meta attività tkun organizzata minn organizzazzjoni volontarja hekk kif inhi mfissra mill-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji. | NIL |